**140. Il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u Kostruzzjoni, l-Onor. Charles Buhagiar ippropona:-**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jikkonċedi b'titolu ta' enfitewsi temporanja lill-*Port Cottonera Limited* il-mollijiet, bini u dritt ta' rmiġġ fil-Birgu u l-Isla kif deskritt aħjar fl-abbozz ta' kuntratt imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, bil-korrispettiv u taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, Kap. 268, li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita 'skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment';

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-mollijiet, il-bini u d-dritt ta' rmiġġ fil-Birgu u l-Isla kif deskritt aħjar fl-abbozz ta' kuntratt li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra jiġi mogħti lill-Port Cottonera Limited għall-iskop, il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

26.05.1998

**L-Onor Lawrence Gonzi ressaq din l-Emenda "A":-**

"Ħassar l-aħħar paragrafu tar-Riżoluzzjoni Nru 140 u ssostitwih b'dan li ġej:

"U peress li għad m'huwiex ċar għal din il-Kamra kif u għal liema raġunijiet ittieħdet id-deċiżjoni li t-*tender* għall-iżvilupp tax-Xatt tal-Birgu jingħata lill-Consortium Port Cottonera Ltd, partikolarment wara l-istqarrija li saret mill-Onor Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u għall-Ambjent fis-seduta Nru 207 tas-6 ta' April 1998, u li fiha kien ħabbar kondizzjonijiet ta' l-għotja enfitewtika li issa rriżultaw li ġew mibdula sostanzjalment;

U peress li l-abbozz tal-kuntratt u d-dokumenti li tqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra, ma jispjegawx id-dettalji ta' l-iżvilupp li ser isir f'dan is-sit storiku u kif ser jaffettwa l-iżvilupp eventwali tal-Forti Sant'Anġlu, tal-Baċir Nru 1 tat-Tarzna u tax-Xatt ta' l-Isla;

GĦalhekk huwa b'dan riżolut li l-Abbozz tal-kuntratt flimkien mad-dokumenti kollha rilevanti li tqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra, għandhom jintbagħtu lill-Kumitati għall-Verifika tal-Kontijiet Pubbliċi li għandu jivverifika l-kondizzjonijiet kollha tal-konċessjoni enfitewtika kif proposta mill-Gvern f'din ir-riżoluzzjoni u fl-abbozz imsemmi, u wara jirrelata lura lil din il-Kamra, u dan mhux aktar tard mill-15 ta' Ġunju 1998.".

**L-emenda m'għaddietx.**

**Il-mozzjoni m'għaddietx.**